



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Ottubru 2019
(OR. en)

13090/19

ELARG 46
CFSP/PESC 786
RELEX 923
NT 11
MAMA 159
SY 3

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 13058/19, 13059/19

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Grigal tas-Sirja

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Grigal tas-Sirja kif adottati mill-Kunsill (Affarijiet Barranin) fl-14 ta' Ottubru 2019.

KUNSILL AFFARIJET BARRANIN

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IL-GRIGAL TAS-SIRJA

1. Il-Kunsill ifakkar fid-Dikjarazzjoni tad-9 ta' Ottubru 2019 tar-Rappreżentant Għoli f'isem l-Unjoni Ewropea u jerġa' jħeġġeġ lit-Turkija biex twaqqaf l-azzjoni militari unilaterali tagħha fil-Grigal tas-Sirja u biex tirtira l-forzi tagħha.
2. L-UE tikkundanna l-azzjoni militari tat-Turkija li timmina serjament l-istabbiltà u s-sigurtà tar-reġjun kollu, tirriżulta f'aktar persuni ċivili jsofru u aktar spostament u tfixkel b'mod sever l-aċċess għall-assistenza umanitarja. L-azzjoni militari tagħmel il-prospetti għall-proċess politiku mmexxi min-NU biex tinkiseb il-paċi fis-Sirja ħafna aktar diffiċli. Hija timmina wkoll b'mod sinifikanti l-progress miksub s'issa mill-Koalizzjoni Globali biex tegħleb lid-Da'esh, u tenfasizza li d-Da'esh għadu theddida għas-sigurtà Ewropea kif ukoll tat-Turkija u għas-sigurtà reġjonali u internazzjonali.

L-Unjoni Ewropea tibqa' impenjata favur l-unità, is-sovranià u l-integrità territorjali tal-istat Sirjan. Dawn jistgħu jiġu żgurati biss permezz ta' transizzjoni politika ġenwina skont ir-Riżoluzzjoni 2254 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u l-Komunikat ta' Ġinevra tal-2012, innegożjat mill-partijiet Sirjani fil-proċess ta' Ġinevra mmexxi min-NU.

3. It-Turkija hija sieħeb ewlieni tal-Unjoni Ewropea u attur kritikament importanti fil-kriżi tas-Sirja u r-reġjun. It-tħassib tat-Turkija dwar is-sigurtà fil-Grigal tas-Sirja għandu jiġi indirizzat b'mezzi politiċi u diplomatiċi, mhux b'azzjoni militari, u f'konformità mal-liġi umanitarja internazzjonali.
4. It-tkomplija tal-isforzi tal-komunità internazzjonali, inkluż fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, sabiex titwaqqaf din l-azzjoni militari unilaterali hija meħtieġa b'mod urġenti. Il-Kunsill jappella għal laqgħa ministerjali tal-Koalizzjoni Internazzjonali kontra d-Da'esh sabiex jiġi indirizzat kif ser jitkomplew l-isforzi tagħha fil-kuntest attwali.

5. F'dan il-kuntest, u b'kont meħud tal-fatt li l-azzjoni militari tat-Turkija bil-konsegwenzi drammatiċi tagħha għadha għaddejja, l-UE tfakkar fid-deċiżjoni meħuda minn xi Stati Membri li immedjatament iwaqqfu l-ħruġ ta' liċenzji għal esportazzjoni tal-armi lejn it-Turkija. L-Istati Membri jimpenjaw ruħhom għal pożizzjonijiet nazzjonali b'saħħithom rigward il-politika tagħhom dwar l-esportazzjoni tal-armi lejn it-Turkija abbażi tad-dispożizzjoni tal-Pożizzjoni Komuni 2008/944/PESK dwar il-kontroll tal-esportazzjonijiet tal-armi, inkluż l-applikazzjoni stretta tal-kriterju 4 dwar l-istabbiltà reġjonali. Il-grupp ta' ħidma rilevanti tal-Kunsill ser jiltaqa' aktar tard din il-ġimgħa biex jikkoordina u jirrevedi l-pożizzjonijiet tal-Istati Membri dwar din il-kwistjoni.
6. L-UE tfakkar li mhijiex ser tipprovdi għajnuna għall-istabbilizzazzjoni jew għall-iżvilupp f'żoni fejn id-drittijiet tal-popolazzjonijiet lokali jiġu injorati jew miksura. L-UE tibqa' impenjata fl-isforzi tagħha għall-indirizzar effettiv tal-kriżi umanitarja u tar-refuġjati serja fid-dawl tal-ħtiġijiet li qed jevolvu.
